MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2011/1

**Beatrix Leberth**

**vs**

**Annette Weber, Agiliter Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-12 ta' Marzu 2012 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fi Procedura Ewropea dwar Talbiet Zghar ippronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*The Tribunal,*

*Saw the Claim Form A presented by the claimant in which the same is claiming the amount of nine hundred and fifty euro (€950) together with interest and expenses for the*

*reasons contained within the details of claim in the said form.*

*Saw the Answer Form C by virtue of which defendant Annette Weber and Agiliter Ltd. did not accept responsibility for reason contained within the details of the said answer form.*

*Took cognizance of all the acts and documents relating to the present case.*

*Therefore, as documentation presented both by the claimant and the defendant makes clear that the amount requested is due to the claimant by the defendant Annette Weber for work carried out by the claimant for the defendant, finds that the claim has been proved to the satifaction of this Tribunal and that the amount in question is due by Annette Weber and upholds the claimant's claim in the amount of nine hundred and fifty euro (€950) with expenses of these proceedings and interest as requested by claimant to date of payment.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Annette Weber, Agiliter Ltd. datat 9 ta' April 2012 fejn talab lill-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' dan l-appell bil-konsegwenza li tirrevoka *in toto* s-sentenza moghtija mill-European Small Claims Tribunal nhar it-12 ta' Marzu 2012 u minflok tilqa' t-talbiet tal-konvenuta appellanti u bl-ispejjes kollha kontra l-attrici appellata.

Rat ir-risposta tal-appellata Beatrix Leberth, datat 30 ta' April 2012, fejn intalab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-konvenuta, u tikkonferma s-sentenza appellata tat-12 ta' Marzu 2012, bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-2 ta' Lulju 2012 fejn Dr. Samuel Azzopardi deher ghall-appellanti u Dr. Jean Paul Grech ghall-appellata. Dawn trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghad-decizjoni finali ghat-28 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser tipprovdi dwar it-talbiet tal-appellata kontenuta fir-rikors tas-17 ta' Mejju 2012, u 12 ta' Gunju 2012 sabiex jigu esebiti affidavit u dokumenti hemm annessi, talbiet li gew opposti ghaliex inghad li dawn setghu facilment gew prodotti quddiem it-Tribunal.

Il-Qorti f'dan il-kuntest tichad it-talbiet ghall-produzzjoni tal-istess xhieda u dokumenti u dan ghaliex ma hemm ebda raguni ghaliex tali provi ma ingabux quddiem it-Tribunal u b'hekk din il-Qorti qed tordna l-isfilz tal-istess affidavits u dokumenti ndikati fiz-zewgt rikorsi li ghandhom ghalhekk jitnehhew mill-istess process. Fil-fatt ma inghatat ebda raguni ghaliex tali xhieda u dokumenti gew esebiti issa u mhux qabel.

L-istess pero' jinghad ghad-Dok. "LB 1" u Dok. "LB 2" esebiti mar-risposta' ta' l-appell, u dan peress li ma ghandux ikun hemm provi godda fl-appell, diment li l-Qorti ma tawtorizzax l-istess ghar-ragunijiet impellenti, bhal meta tali dokumenti ma' setghux jingabu quddiem it-Tribunal. Dan ma jirrizultax li huwa l-kaz odjern.

Illi dwar it-terminu ta' appell huwa minnu li l-appell skond l-**artikolu 8 tal-Kap. 380** kellu jsir fi zmien 20 gurnata mid-data tas-sentenza, izda f'dan jirrizulta li d-decizjoni giet komunikata lill-partijiet fl-24 ta' Marzu 2012 skond kif jipprovdi **artikolu 13 tar- Regolament (EC) Numru 861/2007** permezz tal-posta registrata (fol. 63 - la darba l-istess partijiet ma gewx notifikati meta tali decizjoni kienet ser tinghata u ma kienux informati bl-istess) u allura din il-Qorti thoss li t-terminu hemm indikat ma setghax jibda jiddekorri hlief meta l-partijiet kienu jafu bid-decizjoni.

Ovvjament jidher li jkun utili f'dan il-kaz intervent legislattiv sabiex it-termini ta' appell ikunu kkomunikati lill-partijiet sabiex jigi rispettat anke dak li hemm provdut fl-**artikolu 17 tar-Regolament (EC) Numru 861/2007** tal-Parlament

Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta’ Lulju 2007 li stabilixxa l-procedura intestata *European Small Claims Tribunal.*

Dwar il-mertu fuq il-provi prodotti quddiem it-Tribunal jirrizula mill-istess li ma hemmx dubju li l-appellanti/intimata kienet talbet lill-attrici/appellata sabiex tghina taghmel il-logos imsemmija, u jidher li l-attrici accettat li taghmel dan.

L-appellanti qed tghid li talbet tali ghajnuna minghand l-appellata biss bhala hbieb u ma kellhiex intenzjoni li thallas tal-istess hlief billi tistieden lill-appellata ghall-ikla u b’daqshekk l-attrici tigi  kkumpensata.

Izda jibqa’ l-fatt li  l-attrici ma jidhirx li kkomettiet ruhha ghall dan; jirrizulta li hija accettat l-inkarigu u effettivament dan ix-xoghol sar minnha, kif pruvat u kkoroborat  mid-dokumenti annessi mat-talba taghha quddiem it-Tribunal.

Jirrizulta wkoll li l-logos gew addottati mill-appellanti, ghalkemm din qed tghid li ghamlet xi modifiki ghall-istess. Dan jista’ jkun, izda l-kuncett u d-disinn originali jidher li kien u baqa’ l-istess bhala dak mahluq mill-appellata. L-istess logos intuzaw mill-appellanti fix-xoghol taghha.

Minn dawn il-provi jirrizulta li l-attrici/appellata qatt ma kkomettiet ruha ghal dak li l-appellanti qed hawn tipproponi li taccetta bhala kumpens stedina ghall-ikla. Jihder anzi li l-attrici bl-ebda mod ma rrinunzjat li tithallas ghal dak li setgha kien dovut lilha la darba tesplita l-inkarigu taghha.

Ghalhekk l-allegazzjoni tal-appellanti li hija kienet lesta li tikkompensa lill-attrici bi stedina ghall-ikel fid-dar taghha, hija l-proposta taghha, izda ma jidhirx u ma jirrizultax li din giet accettata mill-attrici. Almenu l-provi mill-appellata ma jurux dan, izda biss l-appellata kienet qed thoss li b’tali stedina l-attrici kienet ser tigi kumpensata. Dan fih innifsu juri li x-xoghol ma kienx ser issir b’mod gratuwitu mill-attrici.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-Tribunal kellu provi bizzejjed quddiemu sabiex jasal ghal konkluzzjonijiet li wasal ghalihom peress li x-xoghol sar, u l-istess xoghol gie accettat mill-appellanti, li ghamlet uzu minnu, u li allura l-attrici ghandha tigi kompensata ghall-istess, u ghalhekk l-ammont rikjest fit-talba attrici huwa dovut.

Fl-istess waqt din il-Qorti thoss li ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissostitwixxi f'dan il-kaz l-apprezzament taghha ghall dak tat-Tribunal, ghaliex jidher li t-Tribunal fid-diskrezzjoni tieghu setgha jasal ghal konkluzzjoni li effettivament wasal ghaliha ghalkemm setgha spjegahom aktar fid-dettal. Izda l-motivazzjoni qeghda hemm u hija cara, li kif setgha jaghmel accetta l-verzjoni attrici u mhux dik konvenuta.

Dwar l-oneru ta' prova din il-Qorti thoss li dan gie sodisfatt fil-grad rikjest mill-ligi, u t-tip ta' provi li l-istess Tribunal qaghad fuqhom kienu dawk indikati u permessi skond ir-**Regolament (EC) Numru 861/2007** u senjatament **artikolu 9** tal-istess. Dan iktar u iktar meta t-Tribunal ma hassx (kif setgha jaghmel skond l-**artikolu 7 tal-istess Regolament)** li kellu jzomm seduta sabiex ikun smiegh tal-kawza. B'hekk dan l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellata Beatrix Leberth datata 30 ta' April 2012 biss inkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Annette Weber et fir-rikors tal-appell datat 9 ta' April 2012 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-European Small Claims Tribunal datata 12 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet "Beatrix Leberth vs Annette Weber, Agilter Ltd" (Application No. 7/11 YMS) ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------